



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 27 ta' Frar 2012 (06.03)
(OR. en)**

6954/12

SOC 151

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. preċ.:	5946/12 SOC 71
Suġġett:	Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: - Ħatra tas-Sinjura Lucia ZACHARÍÁŠOVÁ, membru supplenti Ċeka, minflok is-Sur Czesław WALEK, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għie infurmat bir-riżenja tas-Sur Czesław WALEK bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għar-Repubblika Ċeka).
2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006¹ jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.

¹ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, fejn jinħatar membru wieħed u membru supplenti wieħed minn kull Stat Membru.
4. Il-Gvern tar-Repubblika Ċeka ppreżenta lil din il-kandidata biex tiegħu post il-membru supplenti li rriżenja, għall-bqija tal-mandat attwali li jispiċċa fil-31 ta' Mejju 2013:

Ms Lucia ZACHARIÁŠOVÁ
Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali
Unità għall-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel
Na Poříčním právu 1
CZ-128 01 PRAHA 2
Tel.: + 420 221 923 487
indirizz elettroniku: lucia.zachariasova@mpsv.cz

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża dwar is-sostituzzjoni ta' membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar is-sostituzzjoni ta' membru supplenti
tal-Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew
għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 ta' 20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi², u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010³ l-Kunsill ħatar, għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2013, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
- (2) Siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija ta' rappreżentanti tal-gvern sar vakanti minħabba r-riżenja tas-Sur Czesław WALEK.
- (3) Il-Gvern tar-Repubblika Ċeka ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

³ ĠU C 137, 27.5.2010, p. 22.

Artikolu 1

Is-Sinjura Lucia ZACHARIÁŠOVÁ hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sur Czeslaw WALEK għall-bqija tal-mandat attwali, li jispiċċa fil-31 ta' Mejju 2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President
